



# IL-MILIED fil-Pittura tal-Knejjes f'Għawdex

**Il-Milied jiġi kull sena bit-tidwil, il-kummerċ u l-element festiv li jqanqal miegħu. Iżda fil-qofol tiegħu, il-Milied jibqa' jfakkar dik il-ġrajja straordinarja tat-twelid ta' l-Iben t'Alla u l-bidu tal-proċess tas-salvazzjoni.**

Riċerka u Kitba ta'
**JOE CAMILLERI**



*Ritratti:*
Ħajr lil Max Xuereb u lill-Arċipriet tal-Parroċċi tal-Katidral, Għarb, Xagħra, Qala, u l-Vigarju tal-Fontana

Din il-ġrajja tat-twelid tal-Messija tniżżlet fil-Bibbja - l-akbar letteratura li rat id-dinja. Nebbħet artisti kbar u żgħar biex jorqmuha f'poeżija, joħorġu l-mużikalità tagħha f'għanjiet, u fuq kollox idejmuha fuq it-tila. Mill-możajċi u r-rilievi qodma sa xogħol kontemporanju, t-tema tan-nativitŕ dejjem xegħlet l-immaġinazzjoni ta' bosta artisti. Fil-knejjes tagħna f'Għawdex għalkemm kultant f'livell provinċjali, nsibu wkoll xi xogħol imnebbaħ minn din it-tradizzjoni ikonografika qadima, mill-ġrajja unika tas-Sultan tas-Slaten li għażel li jitwieled f'ambjent fqajjar, f'għar ta' l-annimali.



*VIRGILIO MONTI* (Korsija, Knisja Arċipretali, Xagħra)

**Naraw dan l-ambjent rustiku fl-apsidi tax-xellug tal-knisja parrokkjali tal-Fontana. F'dan ix-xogħol impitter f'April tal-1992, il-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi joħroġ l-atmosfera ta' dak il-lejl straordinarju meta l-Iben t'Alla tlaħħam bħalna għax ħabbna b'imħabba totali u assoluta.**

*"Tela' Ġużeppi wkoll mill-Galilea, mill-belt ta' Nazaret fil-Lhudija, fil-belt ta' David li jisimha Betlehem, billi hu kien mid-dar u mill-familja ta' David biex jinkiteb ma' Marija, l-għarusa tiegħu, li kienet tqila. U meta kienu hemm għalqilha ż-żmien li teħles u wildet l-ewwel tifel tagħha u fisqitu u medditu f'maxtura."*

Xena oħra ta' l-istess tema ħarġet mill-pinzell tal-pittur Malti Gianni Vella li pitter il-biċċa l-kbira tas-saqaf tal-Katidral bejn l-1909 u l-1917. Din in-nativitŕ tinsab fis-saqaf fis-salib, fil-kappellun

ddedikat lill-Aħħar Ċena tal-Mulej. F'dan ix-xogħol ta' Vella naraw ukoll il-bhejjem li jagħmlu x-xena aktar naturali u jorbtu mat-tradizzjoni li l-baqra u l-ħmara saħħnu lil Ġesu' b'nifishom.

**Suġġett simili, Vella żviluppah ukoll fis-saqaf tal-knisja arċipretali tal-Qala. Gianni Vella kien temm il-proġett tal-pittura tas-saqaf ta' din il-knisja fl-1966.** Il-Vanġelu ta' San Luqa jissokta jgħarrafna li *"kien hemm xi ragħajja dik in-naħa jgħaddu l-lejl fir-raba' u jgħassu l imrieħel tagħhom. Dehrilhom anġlu tal Mulej, u sebħ il Mulej idda madwarhom, u qabadhom biża' kbir. U qalilhom l-anġlu: 'La tibżgħux, għax, ara, sa nħabbrilkom ferħ kbir li jkun għall-poplu kollu. Tweldilkom illum fil-belt ta' David, Ħellies, li hu l-Messija l-Mulej. U dan ikun għalikom għelm: issibu tarbija mfisqija, mimduda f'maxtura'......Malli telqu l-anġli minn ħdejhom lejn is-sema, ir-ragħajja bdew jgħidu lil xulxin: 'Ħa mmorru sa Betlehem u naraw dil-ħaġa li ġrat u li l-Mulej għarrafna.' U marru jgħaġġlu u sabu 'l Marija u 'l Ġużeppi u t-tarbija mimduda fil-maxtura."*



*ĠANNI VELLA* (Korsija, Knisja Arċipretali, Qala)



*TOMMASO MADIONA* (Dettall, Artal San Filippu Neri, Katidral)

Ma jonqsux il-varjazzjonijiet fl-interpretazzjonijiet artistiċi ta' din in-narrazzjoni mill-Vanġelu ta' San Luqa, fosthom **kwadrett ovali li jinsab fis-sagristija tal-Bażilika tan-Nadur. Dan ix-xogħol hu attribwit lill-qassis pittur, Don Francesco de Dominici li twieled fl-14 ta' Jannar, 1655 u li baqa' jsegwi l-istil ta' Mattia Preti.** Don Francesco kien jiġi ħu Raimondo u Maria De Dominici, meqjusa bħala assistenti fil-*bottega* ta' Preti.

**Din il-pittura fil-parroċċa tan-Nadur saret għall-ħabta ta' l-1712. Għandha ħjiel ċar ta' manjeriżmu ritardat bħalma nsibu f'xogħlijiet attribwiti lill-aħwa de Dominici.** Ma' l-interess u l-istagħġib tar-ragħajja umli, tingħaqad ukoll l-adorazzjoni ta' l-anġli fl-isfond tal-kwadru biex hekk l-artist ikun fidil għar-rakkont evanġeliku li jgħarrafna li kotra ta' qtajja tas-sema faħħru 'l Alla bil-kliem *' Sebħ lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet u sliem fuq l-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.'*

L-anġli jidhru wkoll fi kwadru ieħor żgħir tan-Nattività b'daqs ta' 40 b'26 ċentimetru u li jinsab **fl-oratorju tal-Bażilika tax-Xagħra. Din in-nattività hi xogħol ta' madwar is-sena 1750 u hi attribwita lil Francesco Zahra, l-aħjar artist Malti tas-seklu tmintax.** Il-produzzjoni ta' Zahra hi fil-biċċa l-kbira tagħha ta' livell tajjeb ħafna u tinkludi wkoll xogħlijiet li jinsabu f'kemm-il knisja f'Għawdex.

F'wieħed mill-kuriduri tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fir-Rabat, tinsab Nattività oħra ta' daqs żgħir, iżda ta' siwi artistiku notevoli. Din in-nattività hi waħda minn sett ta' żewġ kwadri rettangolari. Il-kwadru l-ieħor juri l-Preżentazzjoni fit-Tempju. Iż-żewġ xogħlijiet jidhru li ħarġu mill-istess id. Huma xogħol ta' Skola Taljana tas-seklu sbatax. L-awtur tagħhom mhux magħruf. Wieħed jinnota kif il-grupp ta' figuri hu mqiegħed fi sfond ta' kampanja miftuħa b'elementi neo-klassiċi permezz ta' fdal arkeoloġiku.

Ħjiel ta' influwenza neo-klassika — għalkemm fi stil differenti — tinħass fl-elementi arkitettoniċi — il-kolonna u t-turġien — ta' nattività oħra mdaqqsa sew li tinsab fil-**korsija tal-Bażilika tax-Xagħra.** F'dan il-kwadru, l-Madonna, figura żagħżugħa, sempliċi u umli, iżda attraenti, tidher tippreżenta lil binha Ġesù għall-qima tar-ragħajja, jiġifieri għall-qima tan-nies kollha ta' rieda tajba. **Dan ix-xogħol iffirmat, bħall-bqija tal-pittura tas-saqaf ħareġ mill-pinzell tal-pittur Taljan, il-Prof. Virgilio Monti. Il-kwadru tan-Nattività tpitter f'Ruma fl-istudju ta' Monti u wasal Għawdex fl-1922 flimkien ma' żewġ**



*ANONIMU TALJAN* (Sagristija, Knisja Arċipretali, Xagħra)



*FRANCESCO ZAHRA* (Awla Kapitulari, Knisja Kolleġġjata, Xagħra)

**kwadri oħra li juru żewġ misteri oħra. Hu kwadru b'kompożizzjoni sabiħa u kromatikalment bilanċjata ħafna, tant li jqanqal sens ta' kalma, sliem u serenità.**

Is-suġġett Ġesù ppreżentat lill-bnedmin jerġa' jirrepeti ruħu fil-koppla tal-knisja parrokkjali ta' l-Għarb. Iżda din id-darba, **ix-xogħol fl-idjoma barokka hu tal-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi li kien lesta l-koppla kollha fl-1978. Fi sfond drammatiku ta' beraħ u titjir ta' puttini, il-Madonna - Omm il-ġnus kollha - tidher tgħolli u tippreżenta lil Binha li ġie fostna bil-missjoni li jkun is-salvatur ta' l-umanità.** Din id-darba, il-preżentazzjoni ssir fil-preżenza tas-Slaten Maġi, rappreżentanti tal-ġnus.

It-twelid, it-trobbija u t-tfulija ta' Ġesù nebbħu xogħlijiet oħra ta' arti viżiva li nsibu f'Għawdex, fosthom kemm-il kwadru tas-Sagra Familja u oħrajn li juru l-ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu. Fost dawn ta' l-aħħar, ta' min isemmi l-ħarba lejn l-Eġittu, kwadru fl-idjoma manjerista li jinsab fil-Mużew tal-Katidral. Fil-Vista Pastorali ta' l-1755 kien attribwit lil Filippo Paladini. Iżda hemm min iqisu bħala xogħol nordiku.

**L-ispazju jippermettielna li nittrattaw biss xi xogħlijiet li juru t-twelid tal-Messija u l-Adorazzjoni tal-Maġi u li jinsabu fi knejjes u postijiet li jistgħu jintlaħqu mill-pubbliku. Aħna ċerti li f'kollezzjonijiet privati jinsabu xogħlijiet oħra b'tema simili li flimkien max-xempji li semmejna jixhdu s-seħer li l-ġrajja tal-Milied kellha fuq l-artisti. Hija ġrajja li storikament seħħet 'il fuq minn elfejn sena ilu. Għadha tirrepeti ruħha f'kull Milied u tiġġedded f'kull qalb meta tħossha tinfetaħ biex twelled fiha lil Ġesù bis-sliem, bl-hena u bis-serenità li Hu biss jista' jsawwab fina.**

*Ir-ritratt prinċipali (dettall) fl-ewwel paġna ta' dan is-suppliment, kif ukoll dak (sħiħ) mat-titlu fit-tieni paġna, huwa xogħol mill-isbaħ ta'l-artist veteran Għawdxi PAWLU CAMILLERI CAUCHI, fil-koppla tal-Knisja Arċipretali u Kolleġġjata ta' l-Għarb.*



*PAWLU CAMILLERI CAUCHI* (Apsidi, Knisja Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù, Fontana)